**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU TMIENJA U ĦAMSIN**

**27 TA' MARZU, 2019**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-Viċi Chairperson Maria Schembri, l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marylin Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **58.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 58.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **58.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 58.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-sebgħa u ħamsin –il seduta. |
| | | |
| ***58.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON*** |
| | | |
| 58.3.1 | | Iċ-Chairperson qal li hemm bżonn li jsiru refresh tal-marki tat-toroq. |
| | | |
| 57.4 | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-MEMBRI*** |
| | | |
| 58.4.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn is-suġġerimenti li kienu mressqa mir-residenti: |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Intbagħtet ittra bieb bieb lir-residenti ta' parti minn Triq it-Torri - bejn Vjal l-Indipendenza u Triq Fra Gan marie Zammit, biex issir one way traffic. Dawk li wieġbu kienu - 8 li ma qablux li ssir one way u 5 qablu li ssir.<br>*Kien hemm qbil li l-Kumitat Amminitrattiv jimxi skont ma trid il-maġġoranza.*<br>• Biex jingħata isem għal triq ġdida fi Triq Sant Agata. Kien hemm qbil li tissemma Triq is-Sagħtar. |
| | | |
| 58.4.2 | | Il-membru Joseph Dámato qal li hemm biex isiru parking bays fi Triq it-Torri. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 58.4.3 | | Il-membru Joseph D'Amato qal li ir-resident ta' Rena House fi Triq Bubaqra talbet biex il-parking bay ta' quddiemha, tinqasam fi 3 u ssir parking bays tal-muturi. Ma kienx hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 58.4.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kunsill kien irċieva petizzjoni mingħand ir-residenti ta' Vjal l-Indipendenza li riedu sleeping policeman quddiemhom.<br>Wara diskussjoni kien hemm qbil li fit-triq jeħlu tabelli ta' speed limit, wara li jiġi kkonfermat kemm irid ikun l-ispeed. |
| | | |
| 58.4.5 | | Kien hemm qbil li jkun hemm refresh tal-marki tat-toroq - tas-sleeping policeman ta' Triq Bubaqra, ż-zebra crossing ta' Vjal l-Indipendenza u l-marki li hemm fi Triq Santa Maria, Sant Agata u l-Misraħ. |
| | | |
| 58.4.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba għal-lampi dekorattivi minflok dawk eżistenti fi Triq Santa Maria. Kien hemm qbil li naraw kemm hemm bozoz li jridu jinbidlu u l-prezz tagħhom. |
| | | |
| 58.4.7 | | Il-membru Joseph D'Amato qal:<br>• li resident fi triq ġdida fi Triq Sant Agata qed titlob bankina quddiemha. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Resident minn Triq Nardu Sacco qed terġa titlob li jkun hemm parkeġġ riservat għalih biss. Kien hemm qbil li l-membru Joseph D'Amato ser jitkellem tar-resident. |
| | | |
| 58.4.8 | | Il-membru Marilyn Sammut talbet:<br>• biex issir tabella tal-wisa tat-triq l-Imwieġel għax qed jgħaddu trakkijiet u jagħlu ħsara lill-faċċati tan-nies.<br>• Biex isir trasport għall-mixja ta' puttinu miż-Żurrieq għal-Mellieħa. Kien hemm qbil li jekk ikun hemm nies biżżejjed interessati, jiġi organizzat trasport, imħallas mil-parteċipanti stess. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***58.4*** | | ***Data u ħin tas-seduta li jmiss u data tal-laqgħa annwali*** |
| | | |
| 58.4.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:15. Il-membri preżenti qablu li id-data tal-laqgħa li jmiss tkun l-Erbgħa 17 ta' April, 2019 fil-17:30, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. |

Konfermati, illum __17____ ta' APRIL, 2019.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**